**Mhux postok fin-niċċa**

Franġisku għodu għodu,
Qomt mis-sodda u qaddist,
U minn fuq l-artal rajtek
Viċin tagħna, kemm tkebbist.

Kemm fraħt li ħbiebek ħelwa
Għal dis-sena tawk gost kbir,
Għax niżżluk mill-pedistal
U fetħulek ħalli ttir.

Xi ġmiel għalina Ċikku
Li magħna issa nħossuk,
Nistgħu nħarsu f'dawk għajnejk
Qlubna lilek iħobbuk.

Għax int ta' raħli ħelu
Ta' bidwi għaqli kemm żrajt,
Maħfra mill-qalb ta' Kristu
U miegħu kemm innamrajt.

Min iħares lejk b'tama
kif l-imħabba ma jarax?
U min jiġi joqgħod ħdejk
Kif lil Kristu ma jismax?

Hemm, taħt l-arkata kbira
Qiegħed ħdejna O Missier,
'L min ikellmek tisimgħu
Inti ħelu u sinċier.

U mbagħad f'widnejh tpespislu
Dik il-kelma għax ferħan,
Tgħidlu: "Ħi, ħenn għalihom
Aħfrilhom w issib serħan".

U veru Franġisk tagħna
l-affarijiet iduru,
Għax min jaħfer kemm jirbaħ
Bwietu bil-ġid ifuru.

U bħalek O ħabibi
Jagħti kollox 'l Kristu fqir,
Għax jaf li miegħu nsaltnu
Naqra oħra u hekk se jsir.

Franġisku, taħt il-ħnejja
Int m'hawnx bħalek, wisq gustuż,

Bl-umiltà ħelwa tiegħek
Tirbaħ lejk lill-malizzjuż.

Minn taħt l-arkata tgħallem:
“Ħa tinħelsu mit-trekkin,
Ħajjitkom malajr tgħaddi
Ikkonvertu, issa l-ħin.

Għax il-mewt qed tħabbtilkom
Bit-taħbita ferm soda,
X’ħin tiġi tkun l-addijo
Għax-xalar u għall-moda.

Isa, ħija, irranġa
Għada jaf ikun tard wisq,
Almenu mut fil-paċi
Rikonċiljat, dan ir-risq”.

Wara li temm jippriedka
Franġisku dlonk immuta,
Talab talba minn qalbu
Għar-ruħ li hi feruta.

Mill-ħażen tal-vendetta
Li qatt mhu ħa ssib il-kwiet,
Għax Brejbes li hemm fuqha
Qed ibedha mis-smewwiet.

Franġisku, kemm jaqbel tħobb
W taħfer, kollox jispiċċa,
Ibqa’ hemm wara l-festa
Għax postok mhux fin-niċċa.

Patri Mario Attard OFM Cap
24 ta’ Settembru 2024

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.